# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 8 ta' Mejju 2025**

**Numru 1**

**Rikors Numru 1067/19**

**Matthew u Jane konjugi Hill (ID 349813L u 310711L rispettivament) fil-kwalita' tagħhom ta' rapprezentanti legali ta' binhom minuri Zack Hill u b'digriet tad-9 ta' Lulju 2020 Dr. Joseph Zammit Maempel ġie awtorizzat jassumi l-atti tal-kawża minflok Matthew u Jane konjuġi Hill fil-kwalita' tagħhom premessa**

**vs**

1. **Direttur Generali tad-Dipartiment għas-Servizzi tas-Sahha;**
2. **Supretendent tas-Sahha Pubbliku; u**
3. **Id-Direttur tad-Dipartiment tal-Kirurgija Dentali; u**
4. **Ic-Chief Executive Officer, tal-Isptar Mater Dei**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Matthew u Jane konjuġi Hill fil-kwalita' minnhom premessa u li fil-mori tal-Kawża Dr. Joe Zammit Maempel assuma l-atti

bħala mandatarju tal-istess (l-Attur) tas-6 ta’ Novembru 2019 li permezz tiegħu premettew is-segwenti:

> Illi fl-4 ta’ April 2017, il-minuri Zach Hill, dak iz-zmien ta’ 8 snin, ittiehed fid-dipartiment tad-*Dental Surgery* tal-Isptar Mater Dei b’ugieh fi snienu;  wara li ttiehdu xi X Rays, gie deciz mid-dentist – illi sejjah dentist iehor ghall-opinjoni tieghu -  illi kellha tigi estratta sinna precizament l-*upper left incisor* (li skond hu, kienet *baby tooth* billi kien hemm *adult tooth* tahtha li qed timbuttaha); ghalkemm l-esponenti – li kienet qed takkumpanja lill-binha – insistiet mad-dentist li huwa kien zbaljat billi s-sinna li kien ser jaqla kienet  *adult tooth* u mhux *baby tooth,*   id-dentist baqa jinsisti illi l-X Ray kien qed jindika b’mod univoku li qed tikber sinna ohra tahtha li kienet qed timbotta lill din is-sinna u ghalhekk wettaq l-estrazzjoni ta’ din is-sinna.
>
> Illi appena saret din l-estrazzjoni, id-dentist irrealizza l-izball tieghu u dak il-hin stess ipprova jinserixxi lura din is-sinna go postha; appena hargu mill-Isptar, l-esponenti u zewgha kellmu lill-Dr. Audrey Camilleri fuq it-telefon li ssuggeriet li jirritornaw l-Isptar u jinsistu li tigi stallata *splint* biex jipprovaw jsalvaw din is-sinna; ftit sieghat wara, il-minuri ttiehed lura minn missieru fl-Isptar fejn giet stallata din l-isplint izda dan l-attentat ma rnexxiex u eventwalment kellha titnehha mill-gdid din l-*incisor tooth* minn Dr. Audrey Camilleri wara li gie stabbilit illi s-sinna kienet mietet.
>
> Illi l-minuri ittiehed taht il-kura (privata) tad-dentista pedjatrika Dr. Audrey Camilleri li – fi kliem semplici - bi trattament regolari qed izzomm l-ispazju mehtieg bi *space maintainer*  u dentatura ta’ sinna wahda sabiex meta l-minuri jilhaq l-massimu ta’ zvilupp tax-xedaq – cioe bejn 18 u 19 il-sena – issir implant tal-*incisor tooth* estratta; dettalji tal-kura aktar precizi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi bhala rizultat tal-intervent ta' dentistrija zbaljat, il-minuri Zach Hill garrab danni kemm bid-dizabilita' permanenti u danni ohra f'kura u trattament regolari ghas-snin futuri.

Illi l-intervent zbaljat sehh minhabba htija, nuqqas professjonali, negligenza, imprudenza traskuragni u nuqqas tas-sengha mehtiega mid-dentist, impjegat tal-intimati jew min minnhom.

Illi ghalkemm saru trattattivi ghal ftehiem bonarju bejn il-partijiet, dan ma sehhx.

Ghalhekk ir-rikorrenti bhala rapprezentanti legali ta' binhom minuri Zach Hill qed jitolbu lill dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddecidi illi l-intimati, jew min minnhom, huma responsabbli ghad-danni subiti mil-iben minuri tar-rikorrenti, Zach Hill, u dana minhabba htija, nuqqas professjonali, negligenza, imprudenza u traskuragni fl-intervent ta' dentistrija li sehh fl-Isptar Mater Dei fit-18 ta' April 2017
2. Tillikwida l-istess danni konsegwenzjali li sofra l-istess minuri, inkluz kemm *damnun emergens* u *lucrum cessans,* okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi;
3. Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti fil-kwalita' taghhom id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-15 ta' Ottubru 2018 u tal-ittra ufficjali tal- ta' Novembru 2018 (Nru. 4129/2018) kontra l-intimati li minn issa qed jigu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment għas-Servizzi tas-Saħħa, Supretendent tas-Saħħa Pubblika, id-

Direttur tal-Kirurġija Dentali u c-Chief Executive Officer tal-Isptar Mater Dei (il-konvenuti) tal-5 ta' Diċembru 2019 li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

1. Illi 1-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma infondanti kemm fil-fatt u kemm fid- dritt;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, fi kwalunkwe' kaz 1-allegazzjonijiet rigwardanti kura u trattament negligenti qed jigu respinti in toto *stante'* illi 1-kura illi nghatat Iii Zach Hill fl-estrazzjoni tal-sinna kienet *secundum artem* in linea mal-htigijiet medici attwali tieghu, hekk kif ser jigi ampjament ipprovat fil-mori tal-kawza;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, is-sinna kienet kompromessa mhux rizultat tal-intervent izda minhabba d-deformita' u 1-izvilupp dghajjef taghha. Illi qabel ma giet estratta din is-sinna, 1-intimati mxew bi prassi standard Ii jwettqu t-testijiet rekwiziti sabiex janalizzaw il-vitalita' tas-sinna, liema testijiet kienu konklussivi u konvincenti, u ghalhekk il-pretensjoni ta' danni da parti tar-rikorrenti hija ghal kollox infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess fi kwalunkwe' kaz hadd mill-intimati ma jirrispondi ghad-danni pretizi *stante* ' illi dawn ma grawx tort taghhom;

5. Illi minghajr pregudizzju ghal premess id-danni hekk kif dedotti ma jinkwadrawx fin-natura tal-kaz.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Qrat u semgħet ix-xhieda imressqa mill-partijiet fil-perkors ta' din il-Kawża.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Matthew u Jane konjuġi Hill huma l-ġenitrui tal-minuri Zach Hill. Il-minuri kien ħass uġiegħ fi sninu u meta dan ippersista l-Attriċi ħaditu l-isptar Mater Dei biex jaraw x'għandu. Il-minuri ġie eżaminat minn żewġ tobba, Dr. Elnazir u Dr. Awad. Wara li ħadu żewġ *x-rays* dawn waslu għall-konklużjoni li kellu waħda mill-*incisors* li kellha tinqala'. Jidher li meta dawn qalgħu sinna intebħu li l-pronjożi tagħhom ma kinitx tajba. Din is-sinna llum ma għadhiex teżisti.

Il-ġenituri tat-tifel avviċinaw lill-Awtoritajiet tal-isptar inkwistjoni fejn sostnew li t-tifel tagħhom safa' vittma ta' intervent dentistiku żbaljat. L-isptar offrilhom xi xorta ta' kumpens iżda l-ġenituri ma aċċetawħx u għalhekk għamlu din il-Kawża.

**Punti ta' Liġi**

B'din l-azzjoni l-Attur fil-kwalita' premessa qed jitlob il-ħlas u likwidazzjoni tad-danni li sofra l-minuri Zach Hill b'riżultat ta' imperizja da parti tal-Konvenuti jew min minnhom.

Għal dak li għandu x'jaqsam mar-responsabbiltà ta' tabib, f'dan il-każ dentist, fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu, huwa prinċipju stabbilit skont l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bil-ħtija tiegħu. Dan sew jekk si tratta minn rapport kontrattwali (ara Artikolu 1132 Kodiċi Ċivili) kif ukoll dak extra-kontrattwali [Artikolu 1032(1)]. Il-liġi taħt il-Kodiċi Ċivili tiddisponi espressament li jitqies fi ħtija min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja [Artikolu 1032(1) predett]. Huwa paċifikament ritenut li bejn Sptar

jew Istituzzjoni tas-saħħa u pazjent jinħoloq kuntratt, għalhekk id-danni *stricto iure* huma kuntrattwali b'dana pero' li sabiex ikun stabbilit jekk kienx hemm nuqqas xorta jridu jkunu kkunsidrati l-artikoli li jirregolaw danni aqiluiani ossia quasi-delittwali.

Għalhekk l-att kolpuż xorta jrid ikun eżaminat. Biex jissussisti dan l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta' diliġenza "*jrid ikun hemm il-prevedibbilita` tal-event dannuz, "'prevedibbilita`' li trid tkun ta' probbabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili*." (Ara **Kollez Vol XLVIII.i.258**). Hu spjegat mill-awturi li "*negligenza, infatti, altro non e` se non assenza di diligenza, imprudenza e` intesa come assenza di cautele imperizia, come assenza di competenza professionale o come assenza di avvertenza*". (Ara **Alpa, La Responsabilita` Civile, Trattato di Diritto Civile, Milano 1999 p. 261 u Franzoni, Le Obbligazioni da Fatto Illecito, Ed. Utet, 2004, p. 42.** U ara wkoll **Sentenza fl-ismijiet Maria Elvira Xuereb nomine -vs- Anthony Taylor et datata 25 ta' Ottubru 2013**).

Il-kriterju tal-missier tajjeb tal-familja "*jissinjifika illi hi imputabbli wkoll l-imgieba ommissiva f'min jonqos li jadotta mizuri ta' kawtela u ta' prudenza għal fini li jkun evitat event dannuz lill-hwejjeg haddiehor. Kif jinsab ritenut, 'quando invece si ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od ,ommissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avverdersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed*

*il quasi delitto'."* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Azzopardi -vs- Arcicovich et, deċiża minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru 1919** u dik fl-ismijiet **Anthony Mifsud vs Supretendent Carmelo Bonello et, Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Settembru 2009**).

Fis-**Sentenza fl-ismijiet Vincent Gauci et -vs- It-Tabib Ewlieni tal-Gvern et deċiża fit-28 ta' Ġunju 2019**, il-Qorti tal-Appell għarfet li, kif diġa' rilevat aktar 'l fuq "*Illum huwa aċċettat illi r-relazzjoni bejn il-pazjent min-naħa l-waħda u t-tabib u l-isptar jew istitut sanitarju ieħor min-naħa l-oħra hija waħda kuntrattwali*"(Ara fost oħrajn **Sentenza fl-ismijiet Rose Gauci et v. Donald Felice et, App. 8 ta' Ottubru 2009**). Din ir-relazzjoni tinħoloq bis-saħħa ta' ftehim bejn it-tabib u l-pazjent fil-każ ta' tabib imqabbad privatament mill-pazjent u minn dak li d-dottrina u l-ġurisprudenza Taljana jsejħulu "*kuntatt soċjali*" (Ara wkoll **Cass. Civ. Sez. III, 18 ta' Lulju 2013, n.17573**).

Għalhekk fil-każ li l-kura tingħata minn tabib impjegat tal-istat fi sptar pubbliku r-relazzjoni hija kuntrattwali jolqot l-oneru tal-prova fis-sens illi, waqt illi huwa fuq l-Attur l-oneru tal-prova tar-relazzjoni tabib-pazjent, tal-ħsara u tar-rabta kawżali bejn il-kura jew intervent u l-ħsara, wara li tkun saret dik il-prova mill-Attur tkun tmiss lill-konvenut il-prova li l-kura ngħatat jew l-intervent sar b'ħarsien tar-regoli tal-arti u tal-aħjar prattiċi aċċettati mix-xjenza medika u li ma kien hemm ebda nuqqas jew negliġenza fit-twettiq tal-kura jew intervent.

Huwa argumentat ukoll illi l-obbligazzjoni tat-tabib hija waħda ta' mezzi mhux ta' riżultat, fis-sens illi qatt ma tista' tingħata garanzija li jintlaħaq ir-riżultat mixtieq. Dan huwa minnu iżda, jfisser biss illi n-nuqqas li jintlaħaq ir-riżultat mixtieq ma huwiex waħdu *ipso facto* prova ta' xi ħtija min-naħa tal-konvenut. Min-naħa l-oħra iżda, huwa minnu wkoll illi l-obbligazzjoni tat-tabib hija, sa ċertu punt, waħda ta' riżultat, għalkemm fis-sens negattiv, viz. l-obbligazzjoni li r-riżultat ma jkunx tibdil għall-agħar fil-kondizzjoni tal-pazjent.

Billi l-kwistjoni jekk il-ħsara li ġarrab l-Attur hijiex riżultat dirett tal-intervent jew hijiex konsegwenza ta' xi kondizzjoni oħra, hija kwistjoni ta' natura teknika medika u bħal dejjem l-opinjoni tal-esperti mediċi, kemm ta' dawk maħtura mill-ewwel qorti u kif ukoll dawk ex-parte li jipproduċu l-partijiet, tikseb importanza kbira, għalkemm mhux bilfors dejjem tkun determinanti.

Ġie kemm -il darba diskuss x'għandu jkun il-grad ta' responsabbilita' rikjesta fil-każ ta' eżerċizzju ta' sengħa ta' professjonist bħal ma huwa dak fil-kamp mediku fejn il-varjanti ta' deċiżjonijiet li jridu jittieħdu fl-agonija bħal ma huwa intervent mediku, huwa ħafna aktar suxxettibli għal riżultat li ma jkunx mixtieq minn xi sengħa ordinarja oħra. Di fatti ġie saħansitra osservat is-segwenti: "Ora il riscontro statisitico dimostra che la nozione di cola grave viene intesa come evidenti violazione di regole professjonali, errore grosssolano e indiscutibile, propio quando l'indagine relattiva viene svolta in relazione ad un caso concreto straordinario ed eccezzionale si da essere adeguadamente studiato dall scienza. Sicche' l'interpretazione che si e'

fatta strada presso iguidici colmina con gli orientamenti gurisprudenziali precedenti alla codfiicazione del secondo i quali l'errore professionale era consoderato una causa d'esonero dalla responsabbilita' a condizione che non si sostanziasse in una evidente e grossolana incompetenza, ossia una colpa grave." (**Giovanna Visitini, Tartao Breve Della responsabbilita' Civile, Cedam, 1966 pg 234**).

F'dan ir-rigward fis-**Sentenza fl-ismijiet Victor Savona pro et noe vs. Dr. Peter Asphar, deċiża fit-2 ta' April, 1951**, intqal li l-professjonist m'għandux iwieġeb għal kull żball. F'dik is-sentenza l-Qorti qalet li, *"Il-professjonista ma hux tenut għad-danni riżultanti minn żball professjonali, ammenoke' dan l-iżball ma jkunx grossolan, u ammenoke' il-ħtija ma tkunx tista' tiġi lilu addebitata minħabba nuqqas ta' prudenza, diliġenza u attenzjoni ta' 'bonus paterfamilias'. U kompliet, "jekk l-iżball jieħdu (kirurgu) għaliex ma jkunx eżamina l-każ kif imissu, u l-eżami jsir b'negliġenza, allura huwa responsabbli għall-konsegwenzi tal-iżball tiegħu. Dwar il-grad ta' diliġenza li professjonist bħat-tabib għandu juża, il-ġurisprudenza estera hija konkordi li mhux mistenni mit-tabib grad għoli ta' diliġenza, iżda dik normali li wieħed jistenna minn professjonist tal-affari tiegħu. Dak li hu mistenni minn tabib hu li jżomm ruħu aġġornat bl-avvanz tal-mediċina, u fil-każ konkret li jkollu quddiemu, jeżerċita d-diliġenza li professjonist ordinarju bħat-tabib in kwistjoni kien jeżerċita. It-test hu neċessarjament oġġettiv, fis sens li wieħed għandu jara kif kien jeżerċita l-mezzi tiegħu professjonist normali, bid-'degree of skill' li suppost għandu t-tabib partikolari; però darba*

*determinat dan il-livell, it-tabib ikun mistenni li jaqdi dmiru skont l-'accepted standard practice.' Il-fatt li t-tabib inzerta f'dik l-okkażjoni, li kellu ħafna xogħol, u kien għajjien, bl-ebda mod ma tnaqqas mid-drittijiet tal pazjent.".* (Ara wkoll xogħol ta' **Profs George Gregory Buttiġieġ, Vol 1, Optimising Maltes Obstetric Medico-Legal Dymanics, Lambet Acadmenic Publishing, pgs 318-319**).

**Konsiderazzjonijiet**

Issir mill-ewwel referenza għax-xhieda tal-omm Jane Hill. Meta ħadet lit-tifel l-isptar ittieħdu żewġ *x-rays*. Din tgħid li meta ttieħed it-tieni x-ray *"... the two doctors stated that there was another tooth just above the tooth that is causing pain.*" (Dr. Kevin Mulligan jgħid li minn notes li ra ż-żewġ tobba ħasbu li dik kienet baby tooth a' fol 100). Hi mill-ewwel qaltilhom li ma jistax ikun għaliex "*my son had already changed his baby teeth and the tooth they were talking about was definitely an adult tooth.*" Għal dan il-kliem hija rrejagixxiet billi qaltilhom li qatt ma kienet semgħetha qabel li sinna adulta terġa' tieħu postha sinna adulta oħra. Huma wieġbuha "*That having a third set of teeth is not so uncommon".* Qalulha, li jekk ma kinux ser jaqilgħuha kien ser ikompli jsofri bl-uġiegħ u anke jkun hemm konsegwenzi. Għalhekk kellha ċċedi (a' fol 35). In kontro eżami baqgħet konstanti ma' din in-narrativa (a' fol 139 sa 142 tergo).

Din tkompli tirrakonta li meta kienu qegħdin joperaw is-sinna semgħet lit-tabib jgħajjat "*Oh my god!"* Meta staqsietu x'ġara it-tabib qalilha li "*there was another tooth above the one extracted"* u qal "*I made an error".* Tgħid

ukoll li t-tabib kellu xokk fuqu. Dan it-tabib kien jismu Elnazir. Hi kien ser iħossha ħass ħażin. Li fil-fatt sar xi xorta ta' żball anke l-Awtoritajiet tal-isptar irrikonoxxewh. Di fatti Matthew Hill, missier il-minuri meta ltaqa' mal-Head of Dentistry ta' Mater Dei, Dr. Kevin Mulligan, dan jgħid hekk: "Dr. Mulligan acknowledged that the extraction of the tooth was an error" (a' fol 33 u dan tixhdu wkoll omm it-tifel a' fol 36). Matthew Hill jgħid ukoll li s-CEO ta' Mater Dei waqt laqgħa li saret fis-7 ta' Mejju 2019 *"... he informed me that the hospital was admitting the error and apologised on the hospital's behalf and asked me to liquidate the claim ... Mr Falzon mentioned that he was in a position to reach a settlement but, as CEO he could only offer up to limit of €10,000 without seeking authorisation from his superiors"* (a' fol 34). Jidher li wara li dan tah l-istimi tiegħu Mr. Ivan Falzon infurmah li l-aktar li seta' joffri kienu €16,000 (ibid). L-imsemmi Matthew Hill baqa' jippersisti f'din in-narrativa anke in kontro-eżami filwaqt li l-konvenuti ma ħassewx li kellhom ittellgħu lis-CEO ta' Mater Dei, biex għalhekk ix-xhieda ta' Matthew Hill baqet inkontestata.

Għalhekk issa jmiss li jkun ikkunsidrat, jekk dan l-iżball kienx wieħed skużabbli jew ammissibli fid-dawl tad-duttrina suċitata inkwantu jirrigwarda l-grad ta' prova meħtieġa fil-każ ta' intervent mediku (Ara supra **Sentenza fl-ismijiet Victor Savona pro et noe vs. Dr. Peter Asphar, deċiża fit-2 ta' April, 1951**).

Il-Qorti tibda biex tirrikonoxxi li l-każ mertu tal-intervent mediku ta' din il-Kawża kien wieħed pjuttost anomalu u li jista' jinganna lit-tabib. Di fatti Dr.

Alex Azzopardi, konsulent ta' esperjenza fid-dentistrija, josserva li b'referenza għas-sinna li "*id-difett li għandha fil-forma tagħha jista' jingannak. <u>Speċjalment jekk ma għandekx hafna esperjenza</u>. U jirrekjedi li wiehed joqgħod pass lura qabel ma jiehu ċertu azzjonijiet"* (a' fol 134 tergo u emfażi tal-Qorti).

Fin-nota datata 4 ta' April 2017 hemm imniżżel li *"On attempted extraction it was noted that the tooth was a hypoplastic lateral incisor. Pt had trauma to face age 2 and this might have been the cause of hypoplastic*" (a' fol 107. Dr. Kevin Mulligan jispjega li hypoplastic tfisser li "*Il-lega ta' barra jkun diffettuz u meta jkun diffettuz it's softer, it wears away quicker ... u mill-x-ray kemm jiena u kemm shabi fl-isptar nahsbu li din is-sinna kienet hekk. Il-parir kliniku mill-x-rays huwa hekk"* (a' fol 99). Jidher li t-tobba jatribwixxu l-kawża tas-sinna kif kienet minħabba waqgħa li xi darba kellu t-tifel. Issa minn noti dwar l-istorja medika tat-tifel tassew jirriżulta li fl-14 ta' Ottubru 2016 fejn jingħad li "*on 9/10/16 following fall down stairs and abrasion left flank*". (a' fol 63).

Iżda skond din il-Qorti anke jekk kien hekk, dan ma jfissirx li meta eżaminawh fil-każ odjern ma kellhomx jintebħu. Anzi waslu għall-konklużjoni li taħt is-sinna kien hemm oħra meta ma jidhirx li kien il-każ. Dr Azzopardi, kif rilevat qal li f'dan il-każ kellu jkun hemm ċertu esperjenza fil-qasam tad-dentistrija biex dak li jkun seta' jintebaħ tassew x'kienet is-sitwazzjoni. Issa Dr. Joseph Awad, wieħed mid-dentisti jixhed hekk: *"... mill-apparenza tas-sinna, <u>qatt ma kont rajt sinna bħal dik li ma kinitx baby tooth,</u>*

*qed tifhimni u mill-apparenza tal-x-ray dehret qisha sinna li hija baby tooth ..."* (a' fol 155 tergo Emfażi tal-Qorti). Fil-fehma tal-Qorti din hija dikjarazzjoni li tirrifletti nuqqas ta' esperjenza.

Sa fejn jirrigwarda lid-dentist l-ieħor, Dr. Bernard Bezzina jgħid li Dr. El Nazir kien ilu jaħdem Mater Dei ftit xhur jew sena (a' fol 163 tergo). Jiġifieri dan ta' l-aħħar ma kellux xi karriera twila warajħ, ta' l-inqas sa fejn jirrigwarda d-dmir tiegħu fl-isptar Mater Dei.

Jekk ma tridx Dr. Bernard jgħid li waqt li kien sejjer it-*toilet*, dan it-tabib talbu parir x'jaħseb mill-każ. Dr. Bernard qallu biex jieħu periapical (a' fol 114 tergo). Meta l-Qorti rriċerkat xi jfisser periapical x-ray sabet li jfisser hekk *"periapical x-ray is a type of x-ray that shows one to two teeth from their crown to their root and the surrounding bone. It is a very commonly used diagnostic measure. This type of x-ray can be used for any tooth in the mouth and it is mostly used to determine the depth of the decay and if the tooth needs endodontic therapy, if there are any periapical changes, impacted teeth, cysts and more."*

Huwa minnu li jidher li hija prassi li t-tobba jikkonsultaw lil xulxin informalment bejniethom, pero' fil-każ inkwistjoni hija tal-fehma soda li d-dentist ried konfort għaliex ma kienx ċert mid-dijanożi tiegħu. Di pju', sa fejn il-Qorti tista' tifhem, dan id-dentist xorta ma ħax il-parir, għaliex l-xrays li ġew esebiti ma humiex bħal dawk li ssuġerixxa Dr. Bernard.

F'din il-vena Dr. Alex Azzopradi jgħid, li waħda mis-soluzzjonijiet setgħet kienet li jistennew u jirreferu għand xi ħadd b'iktar esperjenza, għand

*consultant* u jaraw hemm xi ħaġa oħra x'tista' issir, altrimenti jieħdu l-passi li ħadu huma (a' fol 135 tergo). Id-dentisti inkwistjoni, minkejja d-dubbju u riservi li kellhom, flok ħadu dan il-parir, baqgħu għaddejjin biex jaqilgħu s-sinna.

Joseph Awad, wieħed mid-dentisti li ra lit-tifel jixhed hekk: *"... mill-apparenza tas-sinna, qatt ma kont rajt sinna bhal dik li ma kinitx baby tooth, qed tifhimni u mill-apparenza tal-x-ray dehret qisha sinna li hija baby tooth ..."* (a' fol 155 tergo). Dan jixhed ukoll, li staqsew lill-omm jekk kienx diġa' waqqa' s-snien u jgħid li qaltilhom ma nafx (a' fol 159 tergo). Jgħid li, li kieku kienu jafu li kien diġa' inbidlet is-sinna kieku ma kinux ibidluha (a' fol 160). Din il-parti tax-xhieda hija dijametrikament opposta għal dak li xehdet Jane Hill u ċioe' mhux biss ma staqsewhiex, iżda li kienet hi minn jhedda li informathom li l-minuri kien diġa' waqqa' is-sinna tal-ħalib u li flokha hemm oħra adulta.

Rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet li jikkontradixxu lil xulxin din il-Qorti tfakkar li huwa minnu li dawn il-Qrati kemm -il darba osservaw, li huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli, dan jiffavorixxi l-konvenuti abbażi tal-prinċipju li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Anthony Camilleri -vs- Maurice Cauchi et tat-22 ta' Novembru 2002 – Appell Inferjuri**). Huwa l-Attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fir-rikors promotur.

Mill-banda l-oħra pero` il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili, b'differenza minn kawżi kriminali, fejn il-liġi tesiġi li l-prova tal-ħtija għandha tirriżulta mingħajr dubju raġonevoli, huwa biżżejjed, li jkun hemm ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant. Din iċ-ċertezza morali rikjesta f'kawża ċivili hija l-effett tal-bilanċ tal-probabilitajiet (Ara Sentenza fl-ismijiet (**Paul Vassallo et vs Carmelo Pace – Appell Ċivili – Vol LXX.II.144**).

Fid-dawl ta' dan it-tagħlim, il-Qorti eżaminat iż-żewġ narrattivi, u ssib li dik ta' Jane Hill hija aktar kredibbli u verosimili. Taf sew lil binha, dejjem kienet konsistenti fix-xhieda anke in kontro eżami. Mentri Dr. Awad jidher li ma hux daqshekk kategoriku. Minkejja li jgħid li kieku qaltilhom (meta fil-fatt qaltilhom) ma kinux jimxu kif imxew, hija wkoll affermazzjoni, ta' kemm għamlu dijanożi ħażina, għaliex altrimenti kellhom jieqfu, jieħdu parir minn konsulent jew dentist ta' esperjenza u forsi kienu jagħżlu triq oħra minn dik meħuda minnhom.

Għalhekk din il-Qorti hija moralment konvinta li dan il-każ tassew jirrigwarda intervent mediku li ma sarx **secundum artem.**

*<u>Danni</u>*

Stabbilit li l-konvenuti jew aħjar min minnhom, huma responsabbli għal danni li ġie kkawżat lill-minuri, jmiss li jkunu kalkolati d-danni.

Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (damnum emergens) u t-telf ta' qliegħ futur (lucrum cessans). Is-somma tad-danni hi

rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

Id-*damnum emergens* jikkonsisti fit-"*telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal paga jew qligħ ieħor attwali*". Filwaqt *li lucrum cessans* jikkonsisti fit-"*telf ta' qligħ li tbati* 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib."

Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti kif fuq ingħad, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili: "*Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Paul Debono -vs- Malta Drydocks, Qorti Ċivili Prim' Awla, 27 ta' April 2005**).

*Damnum emergens*

L-atturi preżentaw statement tad-danni effettivi li nkorrew (a' fol 114 sa 119). Wara li fliet dawn id-dokumenti l-Qorti ser tammetti l-ammont li tħallas

lil Whitby Family Dental li huwa ta' €1907 [lejn l-eqreb ewro]. Sa fejn jirrigwarda l-infieq oħra, l-Atturi indikaw lista twila ta' pagamenti oħrajn fl-ammont ta' €1629. Filwaqt li din il-Qorti temmen li nfieq ieħor sar, ma jidhrilix li jkun ġust li taqbel ma' dan l-ammont għaliex ebda wieħed mill-pagamenti ma huwa sostanzjat b'xi xorta ta' dokument li jindika li sar dan il-ħlas.

B'dan kollu dan ma jfissirx li din il-Qorti ma għandhiex ukoll tagħti ammont għal dawn ix-xorta ta' pagamenti għaliex huwa raġjonevolment mistenni li spejjes ta' din ix-xorta tassew saru. Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li għandha tapplika l-prinċipju tal-ġustizzja ekwittativa, għalkemm din trid dejjem tinżamm fil-qafas ta' dak li jiddisponu l-artikoli 1135 u 1045 tal-Kodiċi Ċivili (**Ara Sentenza fl-ismijiet Margaret Camilleri et -vs- The Cargo Handling Co Ltd deċiża fit-13 ta' Ottubru, 2004**).

Dawn il-Qrati dejjem għallmu, li ma jistax ikun iddubitat li l-ġudikant għandu l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qliegħ bl-applikazzjoni tal-prinċipju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. F'deċiżjoni ġie ribadit l-insenjament tal-Qorti Taljana ta' Cassazzioni fejn qalet li *"vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e' rimesso al Magistrato il-valutare 'ex aequo et bono' second i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato".* (ara **Vol. XXXV P. III p.615**)

Għalhekk il-Qorti qed tillikwida *arbitrio boni viri* ammont ieħor ta' €800e. Dan ifisser li bħala danni effettivi l-ammont totali hu ta' **€2,707.**

<u>*Lucrum cessans*</u>

L-awtur Taljan Torrente jsostni li "*la valutazione del danno puo' esser laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E' giusto per tanto, che al giudice sia attribuito in materia in quanto le parti non riescono a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo.*" (Torrente, Manuele Di Diritto Privato 11th Ed, pg 652).

Dan donnu li huwa l-każ fis-sistema ġuridiku tagħna skont il-kriterji ġenerali ffissati bis-subinċiż (2) tal-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. B'danakollu intqal, li fl-istat attwali tal-iżvillupp ġurisprudenzjali tagħna l-ġudikant ma għandux għalfejn jaqa' fuq kriterju ekwittativ ta' arbitrio boni viri, meta bl-għajnuna ta' metodu prattikabbli ġiet mill-Qorti stabbilita formula dwar kalkolu ta' kumpens jew somma għad-danni sofferti (ara **Sentenza Michael Butler vs Christopher Heard tat-22 ta' Diċembru 1967**).

Pero' tajjeb li jingħad li l-prinċipji stabbiliti f'din is-sentenza evolvew maż-żminijiet u ngħataw aktar tifsira u applikazzjoni li tixraq liż-żminijiet.

L-ewwel ħaġa li din il-Qorti trid tevalwa huwa l-aspett tal-perċentwalita' ta' diżabilita permanenti sofferta mill-Attur.

F'din il-Kawża partikulari dan l-aspett huwa daqxejn diffiċli u eżerċizzju laborjuż. Dr. Mark Diaconi jgħid li bħala permanent disability hija 0%. Dr. Nicola McArdle l-espert maħtura mill-Qorti a' propositu tal-perċentwal ta' diżabilita' tgħdi li "*I cannot give a factual position of permanent damage*

*sustained*" (a' fol 193). Dan ifisser li l-espert mhux qegħdha tgħid li ma hemmx danni permanenti iżda li ma tistax tgħid kemm huma.

Issa in mankanza ta' perċentwal preċiż l-Atturi preżentaw dokument intitolat bħala "*European physical and mental disability rating scale for medical puroposes"* (a' fol 195). Skond artikolu 29 ta' dan id-dokument, fil-parti intitolata bħala "*Loss of tooth, prosthetic replacement not possible ... incisor or canine tooth"* tingħata perċentwal ta' 1% diżabilita' permanenti (a' fol 222). Għalhekk meta l-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, hija konvinta li dan il-perċentwal huwa ġust u adegwat.

It-telf futur jiġi wkoll kalkolat fuq is-salarju jew entrojtu tad-danneġġat. Għal darba oħra ma jidhirx li ġew presentati xi dokumenti dwar il-qliegħ ta' l-Attur. Pero' tajjeb li jingħad li meta seħħ l-infortun il-minuri kellu 8 snin. Pero anke hawn hemm żewġ kweżiti li ma humiex soliti. L-ewwel u qabel kollox fuq il-*multiplier* u t-tieni fuq liema salarju ser ikun kalkolat it-telf futur u hux fuq kriterji ta' salarji riċevuti fl-Awstralja, kif jippretendu l-Atturi, jew dak Malti.

Dwar l-aspetattiva tal-ħajja, illum huwa ben stabbilit li din għandha tkun kalkolata sal-eta' pensjonabbli u ċioe' dik ta' 65 sena. Iżda fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti meta seħħ l-inċident l-Attur kellu 8 snin. Skond Avviż Legali 452.92, l-eta' ta' persuna tikkwalifika għal xi impjieg hi meta jkollha 16 -il sena salv għal xi eċċezzjonijiet li ma humiex applikabbli għal dak li għandha quddiemha din il-Qorti.

Fil-każ ta' meta minuri jkun iddanneġġjat intqal ukoll li "*Given the claimant's young age and disabilities, it is not possible to form any view of his employment prospects save by reference to the duration and employment attained of his parents and other members of his family … there are always difficulties in predicting the likely career path of a child as young as a claimant. A good starting point is to look at the employment history of his parents and other close relatives"* (Ara **Whiten -vs- Healthcare NHS Trust [2022] EWHC 2066 (QB) at 113**, ċitata minn **Munken On damages and personal injuries and Death, Lexis Nexis, 12th Ed pg 95**).

Skond din il-Qorti ż-żmien li jrid jittieħed huwa dak ta' bejn sittax -il sena, l-eta' legali ta' meta persuna jista' jkollha impieg, sal-eta' pensjonabbli (Ara **Sentenza tas-16 ta' Novembru, 2023 fl-ismijiet Michael Vella pro et vs Marjan Lee Pantalleresco konfermata fl-Appell**). Dan l-argument jagħmel sens għaliex jekk skond il-prinċipji l-*multiplier* jiġi kalkolat sal-eta' pensjonabbli, ergo sas-sena li wieħed jirtira, hekk ukoll għandu japplika l-korrollarju li l-kalkolu għandu jibda mill-eta' legali ta' meta persuna tista' taħdem skond il-liġi. Huwa minnu li l-Atturi jgħidu li l-minuri kien jagħmel xi tip ta' *photo shoots,* imma f'dan ir-rigward ma saret l-ebda prova.

Dan ifisser li l-ammont ta' snin li ser tikkalkula fuqhom il-Qorti huwa dak ta' 49 sena. Il-Qorti tħoss li ma għandhiex tnaqqas minn dan l-ammont ta' snin għaliex ma jirriżultalhiex li l-minuri kien ibati minn xi kundizzjonijiet mediċi qabel l-inċident daqstant serji li kieku kienu jittieħdu in konsiderazzjoni ai fini tal-element taċ-*chances u changes of life*.

Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa bħala prinċipju dak ta' 20%. Iżda dawn il-Qrati għallmu wkoll li l-lump sum payment ta' 20% jitnaqqas meta jkun għadda żmien qasir mill-event dannuż u s-Sentenza finali [ara **Scicluna vs Meilaq PA tas-16 ta' Lulju, 2001**]. Fis-**Sentenza tal-Prim Awla Caruana vs Camilleri tal-5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: *"jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction"* (ara **Agius vs Fenech tal-Prim Awla tad-29 ta' Ottubru, 2003**). Fis-**Sentenza tal-Prim Awla Mizzi vs Azzopardi tas-16 ta' Diċembru, 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li f'dik ta' **Spiteri vs Zammit Tabona App Ċiv Sup tas-16 ta' Marzu 1999 u Caruana -vs- Camilleri App Ċiv Sup tas-27 ta' Frar 2004**, minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%.

Din il-Qorti tosserva li ma jsir ebda tnaqqis jekk Kawża tiġi deċiża qabel sentejn, għaliex dan huwa żmien raġjonevolment mistenni biex Kawża tkun deċiża għal kollox. Iżda jiddependi kemm mill-kumplessita' o meno tal-każ u anke mill-kooperazzjoni tal-partijiet. Din il-Kawża ħadet 'l fuq minn ħames snin sakemm ġiet deċiża. Għalhekk ikun ġust li l-lump sum payment ikun ta' 15%.

Pero' apparti dawn id-danni, hemm oħrajn li wkoll iridu jittieħdu inkonsiderazzjoni. Dawn huma dawk l-interventi mediċi futuri li ma jistgħux

jittieħdu bħala parti mill-ammont li ser ikun likwidat bħala *lucrum cessans* altrimenti ser ikun l-istess Attur li qiegħed iħallas għalihom minn butu meta ma jaħti xejn għal dak li ġralu. F'dan ir-rigward Dr. Mark Diacono jgħid li l-implant ma setgħetx issir immedjatament għaliex din issir meta l-"*growth face*" ikun spiċċa u din issir meta l-persuna jkollha 19 -il sena (a' fol 48 tergo).

Nel frattemp irid jilbes *space maintainer* biex iżomm l-ispazju miftuħ u imbagħad tagħmel dan ix-xogħol (Dr. Kevin Mulligan huwa ta' l-istess opinjoni a' fol 103). Din trid tintlibes kontinwament sakemm it-tifel jilħaq l-eta' ta 19 -il sena. Pero kull sentejn din trid tinbidel għaliex il-ħalq jiżviluppa (a' fol 49). L-ispejjes huma €4,500 b'kollox. Dan irid jiżdied b'5% kull sena. (a' fol 50). Iżda l-espert tal-Qorti tgħid li "*Zach's treatment plan has since evolved as such that he no longer requires replacement of his lost tooth. Therefore no bridges or dental implants are now required"* (a' fol 183).

L-espert tal-Qorti tippropini li jsiru żewġ affarijiet. Din il-Qorti tara li t-tieni opzjoni hija l-aktar waħda raġjonevoli fiċ-ċirkostanzi u ċioe dik ta "*Porcelian veneer (will need to wait until patient is 18 years of age and may need replacement every decade or so ...Quotations for the work above vary significantly from country to country. Currently in Malta the average charge would be €450 tooth for a porcelain veneer €150-€200/tooth composite resin bonding, each time these require new orthodontic which in Malta currently cost €100 each.*" Għalhekk il-Qorti tara, li peress li dan l-eżerċizzju irid isir kull għaxar snin, dan l-intervent ser isir tal-inqas erbgħa darbiet u

tenut kont l-inflazzjoni tal-prezzijiet is-somma ta' €**4000** hija adegwata u sodisfaċenti biex tkopri l-ispejjes futuri.

Il-Qorti hija wkoll tal-fehma li ġaladarba l-ħlas ser isir issa tal-*lucrum cessans* irid jittieħed ukoll l-erosjoni tas-somma kapitali fuq il-medda ta' żmien dovuta għall-inflazzjoni u awment fil-prezz ta' komoditajiet bl-imnut. Għalhekk il-Qorti "*at arms length*" ser tkun qed iżżid is-somma ta' **€5000** biex tagħmel tajjeb għal dan il-fattur.

Bħala kejl ta' salarju l-Qorti ser tieħu l-paga minima. Issa l-Atturi jgħidu li din għandha tkun dik Awstraljana. Pero' l-Qorti ser tieħu inkonsiderazzjoni li l-att dannuż sar Malta u bħala tali kull kwistjoni u kull negozju ġuridiku naxxenti minn dan hija regolata bil-liġi Maltija. Kieku għall-grazzja tal-argument l-inċident seħħ l-Awstralja u għal xi raġuni din il-Qorti kellha ġurisdizzjoni tisimgħu bil-vittma domiċiljata fl-Awstralja, hekk kienet tikkonsidra dak li qed jippretendu l-Atturi. Għalhekk ser timxi fuq kemm kienet il-*minimum wage* dakinhar li seħħ l-att dannuż u ċioe' is-sena 2017. Din kienet €736 fix-xahar.

<u>*Likwidazzjoni danni*</u>

€736 x 12 x 49 = €432,768 (xahar salarju għal 12 -il xahar għal 49 sena) – 15% (lump sum payment) = €367,853 * 1% (rata ta' diżabilita') = €3,678.5 + €4000 (spejjes futuri) = €7678.50 + €5000 = €12,678 + €2707 (damnum emergens) = €15,385. Dan tal-aħħar huwa l-ammont sħiħ likwidat ai fini ta' din il-Kawża.

Kwantu għal min mill-konvenuti jrid iwieġeb, il-Qorti tagħmel referenza għal dak li jiddisponi l-artikolu 181A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta u ċioe' li "*Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkuninkarigat fil-materja in kwistjoni".* Issa fil-fehma ta' din il-Qorti huwa c-Chief Executive Officer tal-isptar Mater Dei li jidħol f'din id-definizzjoni. Għalhekk il-bqija tal-konvenuti ser ikunu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tillibera** lill-konvenuti, ħlief għaċ-Chief Executive Officer tal-isptar Mater Dei, mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Tilqa' l-ewwel talba** Attriċi fil-konfront taċ-Chief Executive Officer ta' Mater Dei Hospital.

**Tilqa' it-tieni u t-tielet talbiet** Attriċi billi tillikwida d-danni kollha fl-ammont ta' ħmistax -il elf, tlett mija u ħamsa u tmenin ewro **(€15,385)** u tikkundanna lill-imsemmi Chief Executive Officer ta' Mater Dei Hospital iħallas dan l-ammont lill-Atturi bl-imgħaxijiet legali minn din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-kawża kif mitluba għaċ-Chief Executive Officer ta' Mater Dei Hospital.

**Imħallef Toni Abela** **Deputat Reġistratur**